**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 748/2020 AF**

**Malta Industrial Parks Limited (C-28965)**
**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2020, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jizdiedu l-kliem "illum jisimha INDIS Malta Limited"**

**vs**

**Servizi Ecologici Affossamenti SEA (Malta) Limited (C-26830)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi Malta Industrial Parks Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' *Letter of Intent* tal-10 ta' Lulju 2020 (Dok. "A") il-Malta Development Corporation allokat l-fond numru "HF61", illum maghruf bhala HHF008, gewwa l-Qasam Industrijali ta' Hal Far, ghal zmien ta' sittax (16)-il sena lill-intimata, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm elenkati.

Skond il-*Letter of Intent* fuq imsemmija, l-intimata kellha thallas is-somma ta' €46,761.55 f'kirja annwa lill-esponenti.

Il-partijiet qatt ma ffirmaw kuntratt bejniethom u ghaldaqstant, ghajr il-*Letter of Intent* fuq imsemmija, ma hemm l-ebda kuntratt li jaghti titolu lill-intimata fuq il-fond odjern, u ghaldaqstant il-konvenuta kienet thallas kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond.

Wara diversi skambji bejn il-partijiet sabiex l-intimata tirregola ruhha skond il-*Letter of Intent* fuq imsemmija fir-rigward tal-uzu tal-fond kif ukoll id-diversi arretrati ta' kumpens ghall-okkupazzjoni, l-esponenti baghtet ittra legali datata 19 ta' Awwissu 2019 (Dok. "B") sabiex twissi lill-intimata tivvaka l-proprjetà u tirritornaha lilha fi zmien xahar minn dik id-data.

Sussegwentement, permezz tal-ittra ufficcjali numru 3911/2019 (Dok. "C"), l-esponenti interpellat lill-intimata tizgombra l-proprjetà ai termini ta' Art. 9 tal-Kap. 573 fi zmien tletin (30) jum, liema ittra ghaddiet in gudikat stante li ma gietx opposta fit-terminu permess mil-Ligi, u susssegwentement giet segwita b'mandat ta' zgumbrament numru 336/2020 (Dok. "D").

Sussegwentement, wara diversi tentattivi ohra ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-izgumbrament kif ukoll il-hlas tal-arretrati, l-intimata irritornat ic-cwievet tal-fond lill-esponenti bil-posta nhar it-18 ta' Gunju 2020.

Minkejja li vvakat il-proprjetà ricentement, is-socjetà intimata baqghet moruza fil-hlas ta' diversi skadenzi tal-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond minkejja li sarulha ghadd ta' interpellazzjonijiet ghall-hlas, u sal-lum baqa' ma sar ebda pagament.

Ghaldaqstant l-esponenti pprezentat l-ittra ufficcjali numru 2339/2020 (Dok. "E") sabiex tinterpella lill-intimata thallas il-bilanc dovut lill-mittenti, kif ukoll il-mandat ta' qbid numru 1005/2020 (Dok. "F") sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra l-intimata.

Isegwi ghalhekk is-socjetà konvenuta ghandha thallas is-somma ta' sitta u erbghin elf, seba' mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€46,761.55) lill-esponenti, liema somma tkopri l-okkupazzjoni taghha mill-1 ta' April 2019 sal-ahhar ta' Gunju 2020, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u sa fejn taf l-esponenti, l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti fir-rgiward ta' tali somma.

Ir-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitta u erbghin elf, seba' mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€46,761.55), rapprezentanti ta' somma dovuta lill-esponenti bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond HHF008 gewwa l-Qasam Industrijali ta' Hal Far ghall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-20 ta' Gunju 2020, billi jezistu l-massimi li trid il-ligi, din il-kawza tista' tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja specjali.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tisma' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' €46,761.55 inkluz il-VAT.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali numru 3911/2019, il-mandat ta' zgumbrament numru 336/2020, l-ittra ufficcjali numru l-mandat ta' qbid 1005/2020 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta ma preżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontriha.

Semgħet lix-xhud prodott.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha s-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex, wara li tisma din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-imsemmija artikoli tal-liġi, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' €46,761.55 in linea ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond HHF008 ġewwa l-Qasam Industrjali ta' Ħal-Far għall-perjodu bejn l-1 ta' April 2019 sal-20 ta' Ġunju 2020.

A tenur tal-artikolu 170 tal-Kap. 12, la darba s-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi, il-Qorti għandha minnufih tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Servizi Ecologici Affossamenti SEA (Malta) Limited, tħallas is-somma ta' €46,761.55 (sitta u erbghin elf, seba' mija u wieħed u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu), inkluż il-VAT bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitlub.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG